**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Dicembru, 2015

Rikors Kongunt Nru : 341/15 AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi l-konjugi ikkontrattaw iz-zwieg fis-16 ta' Dicembru tas-sena 2000 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, Nicholas Pullicino illi twieled fit-13 ta' Settembru 2001 u Emma Pullicino li twieldet fil-5 ta' April 2004;
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Liza Schembri fl-20 ta' Gunju 2014 (Dokument 1);
3. Illi kif jirrizuta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia,* l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 2 tal-istess kuntratt) u, inoltre, il-konjugi kienu

ftehemu dwar il-manteniment ta' uliedhom minuri Nicholas u Emma, u jikkonfermaw illi dak miftiehem bejniethom dwar il-manteniment qieghed jigi skruplozament osservat;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talbu a tenur tad-dispozizzjonjiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 li din il-Qorti joghgobha, previa is-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-esistenza ta' dawn il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Awissu, 2015;

Rat l-affidavit bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati sa mill-20 ta' Gunju 2014 u illi ilhom *de facto* separati ghal aktar minn erba' snin u dan peress li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal madwar hames snin u cioe minn Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009);

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.